PROGRAMM EDITORJAL SOĊJETÀ SEZZJONIJIET BANDA MUŻIKALI PIROTEKNIKA SAN PIETRU APP BIRŻEBBUĠA

# Ernest Law: Artist fl-iskultura ta' Statwetti, Pasturi u Presepji f'Birżebbuġa

**Ernest Law**

Jiena Ernest Law, nixtieq qabel xejn nirringrazzja lill-Uffiċċju Komunikazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi talli stedinni nagħmel dan l-intervent fuq l-annwal tas-Soċjetà tagħna, biex nagħtikom togħma żgħira ħafna tal-emozzjoni li ġġib magħha l-arti tal-kostruzzjoni tal-presepji u l-immudellar ta' pasturi artistiċi u oriġinali. Naf li f'Birżebbuġa hawn ħafna dilettanti u fil-passat kien ikun hawn ħafna nies li jeżebixxu l-presepju artistiku tagħhom. Kif tafu, għalkemm jien minn Raħal Ġdid, illum il-ġurnata sirt wieħed minnkom, ċittadin ta' Birżebbuġa. Il-festa ta' San Pietru minn dejjem kont inħobbha u 'llum għalkemm m'inix direttament involut xorta nħossni parti minn din il-familja kuraġġuża u qalbiena tas-Soċjetà tagħkom, Soċjetà li jien kelli x-xorti nara titwieled, tikber u tistabbilixxi ruħha mal-aqwa għaqdiet mużikali ta' Malta. B'xorti tajba, ibni Kurt ħareġ jixbaħni f'ħafna oqsma. Ninsab kburi ħafna bih li 'llum il-ġurnata qed jitgħallem il-mużika u l-kurunetta fl-iskola tal-mużika tas-Soċjetà tagħna, mmexxija minn Mro. Michael Bugelli.

Meta wieħed isemmi l-arti, il-mużika u l-kultura għalija dawn huma tliet fatturi li ilhom għal qalbi minn tfuliti u dejjem interessajt ruħi fihom. Raħal tfuliti kien Raħal Ġdid fejn kont anke alliev fil-banda. Tgħallimt ukoll xi ftit kitarra u anke kont fil-kor taż-żgħażagħ. Fejn tidħol l-arti, minn dejjem kont inpinġi xi ħaġa speċjalment bil-lapes. Aktar minn hekk, il-fotografija kostruttiva kienet taffaxxinani wkoll.

Maż-żwieġ, 32 sena ilu ġejt ngħix ġewwa Birżebbuġa, fejn hawnhekk sibt ħbieb li għandhom l-istess interessi bħali fosthom: il-banda, il-festa, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Milied. Il-każin niftakru sew ġewwa l-bajja ta' San Ġorġ, fejn imbagħad is-Soċjetà kompliet tikber u 'llum għandna l-'Ġawhra' li tant niftaħru biha bis-saħħa ta' ħafna nies dedikati u li ħadmu u għadhom jaħdmu mill-qalb. Il-festa dejjem ġabitli xi impenji għax barra li xi drabi nagħti daqqa t'id lil sħabi tal-każin, id-dar ma jonqosx li narmaw il-liedna, id-dwal, il-bnadar u dan l-aħħar sentejn anke nwaħħlu mal-faċċata ritratt kbir fuq it-tila' li kien ħa t-tifel stess, Kurt. Kif tgħaddi l-festa jinbidel l-impenn għax jibda x-xogħol tant mistenni tal-presepju.

Il-presepju huwa l-aktar ħaġa li rbatt qalbi miegħu bħala passatemp. Minn tfuliti, kull sena kont nagħmel presepju żgħir, li minn sena għal oħra kont jew nibdlu jew inżid xi ħaġa ġdida fih. Maż-żmien, id-daqs tal-presepju bdejt dejjem inkabbru flimkien mal-kreattività u ideat ġodda li jiġuni f'moħħi. Dan wassalni biex



inmid idejja għal aktar xogħol sabiex inkun nista' nwettaq il-ħolma li dejjem kelli, dik li nagħmel presepju kbir għall-wiri bil-pasturi kbar tat-tafal li fuq kollox naħdimhom jiena stess. Ma kinitx faċli, għax biex tgħallimt din l-arti, kont nitla' l-iskola tal-Arti f'Għajnsielem, dejjem bil-kuraġġ u fil-kumpanija ta' tliet iħbieb ta' vera: Manuel Mangion, Jurgen Camilleri u Ludwig Desira. Minn taħt idejn l-artist Manuel Grech irnexxieli niftaħ orizzonti ġodda f'din l-arti. Il-bidu dejjem iebes, imma bejn ir-riċerka nvoluta u bejn xi ideat li naqsmu bejnietna d-dilettanti, fosthom il-ħabib tiegħi Anthony Buhagiar, illum il-ġurnata nħossni sodisfatt b'dak li rnexxieli noħloq filwaqt li dejjem inkompli nitgħallem kif nista' ntejjeb il-kwalità tax-xogħol eżebit.

Il-garaxx fejn narma u neżebixxi l-presepju fih jinsab fi Triq il-Kanġu, fin-naħa magħrufa bħala *'tal-Papa'*, Birżebbuġa. Veru li mhux post daqshekk ċentrali ġewwa Birżebbuġa, imma jiena nemmen li fl-aħħar mill-aħħar il-vera dilettant li jkun iridek, isibek. Il-konkorrenza tan-nies hija ta' importanza kbira għalija għax barra li tara dak kollu li sar b'dedikazzjoni kbira, lili tagħmilli kuraġġ kbir biex inkompli noħloq u neżebixxi l-presepju b'modi ġodda u oriġinali sena wara oħra. Bosta viżitaturi jsaqsuni: *'Mela, meta tibdieh il-presepju inti?'* Kif għidt qabel, f'Awwissu nibda bil-kbir, imma għalija l-presepju huwa s-sena kollha. Wara l-Milied nibda nippjana kif ser inqassam il-presepju li jmiss, fejn nippjana wkoll x'pasturi għandi bżonn u x'novità rrid noħloq fihom. In-nativitá dejjem nagħtiha importanza partikolari tant li kull sena dejjem naħdem waħda differenti b'ideat ġodda biex l-isbaħ mument tal-









Milied nirrapreżentah bl-aħjar mod possibli. Iktar minn hekk, dejjem nara kif ser naħdem il-kumplament tal-pasturi b'mod oriġinali b'tali mod li dak li jkun ikun jista' jagħmel distinzjoni bejn il-pasturi tiegħi minn dawk li wieħed isib lest fil-vetrini. Fl-aħħar u mhux l-inqas, wara li nkun ħdimthom u skolpejthom għall-gosti tiegħi, naħmihom u nagħtihom il-ħajja bl-irtokk tal-kulur.

Wara l-pasturi, ikun imiss id-djar, l-irziezet u l-binjiet l-oħra li jikkumplimentaw max-xena sħiħa tal-presepju. Dawn isiru kollha kemm huma bl-idejn minn diversi materjali differenti bħal ngħidu aħna ġablow, ġibs u biċċiet tal-injam. Id-dettal ma jonqosx f'dawn il-binjiet u jkunu attrezzati anke permezz tad-dawl LED biex jikkumplimentaw mal-atmosfera li tinħoloq fil-presepju. Il-proċess, m'għandnix xi ngħidu, jeħodlok ħafna ħin, biss fl-aħħar meta tara kollox komplut is-sodisfazzjon ikun wieħed kbir. Għall-ħabta ta' Settembru nibda naħseb biex nibda l-binja tal-presepju, biċċiet tal-ġablow kbar u żgħar imwaħħlin flimkien b'mijiet ta' *'toothpicks'* , kisi bit-*'tissues'*, kolla u ġibs. Bihom noħloq għerien li jinfdu minn wieħed għall-ieħor, passaġġi, toroq u turġien imdawrin ma' xi għadira ilma, nixxiegħa, jew kaskata li flimkien joħolqu ambjent li jpaxxi l-għajn, xenarju li bih niddeskrivi l-ambjent li fih twieled Sidna Ġesù Kristu. Dan kollu, huwa attrezzat b'dawl li jien niprogramma bl-użu ta' apparat speċjali li jissimula t-tlugħ u l-inżul tax-xemx fost ħafna effetti oħra . Dan nissinkronizzah mar-rakkont li jkun għaddej jiddeskrivi din il-ġrajja tant sabiħa tal-Milied.

Sadanittant, fl-ewwel erba' xhur tas-sena, mhux biss nagħmel pasturi imma anke statwi fil-minjatura ta' xi qaddis li nigi kkummisjonat nagħmel, jew anke dawk relatati mal-Ġimgħa l-Kbira. Ġieli jkolli wkoll xi tiswijiet ta' xi statwi jew bambini ta' djar privati fejn is-sodisfazzjon tiegħi jkun li jirnexxieli nġibhom fl-istat li kienu fih qabel jew forsi anke fi stat aħjar milli kienu qabel.

Nirringrazzja lilkom li qgħadtu tisimgħuni u nistedinkom minn issa biex il-Milied li ġej tiġu u tagħtu titwila lill-wirja tiegħi fi Triq il-Kanġu, fl-inħawi tal-Papa f'Birżebbuġa. Nieħu l-opportunità wkoll li nsellem il-kollegi tiegħi dilettanti tal-immudellar tal-pasturi. Jien inwegħdkom dejjem l-appoġġ tiegħi u nirringrazzjakom ħafna tal-interess li turu fix-xogħol tiegħi. Nawgura l-isbaħ xewqat għall-festa mill-isbaħ f'ġieħ il-Kbir Appostlu Missierna San Pietru rebbieħ fuq il-Ktajjen.

**MARIO'S** SUPER MARKET

St. Philip Street, Birżebbuga • Tel: 2165 3455

**• Free Delivery Service • Orders by phone accepted**

WE WISH ALL CLIENTS A HAPPY FEAST




BIRŻEBBUĠA